MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 246/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Mejju 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 246/06ISB**

**Maltacom plc (C22334)**

**Vs**

**Joseph Vassallo (I.D. 171549M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Marzu 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' disa` mija u tletin Liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm930.99), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-korporazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' disa` mija u tletin Liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm930.99), bl-ispejjez kollha u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------